9.1 Applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post according to the Regular Force standards. Further information on the Regular Force standards would be made available upon formal request by the applicants. The AFM Medical Officers' assessment of each applicant's medical fitness to serve in the Armed Forces of Malta will be final and conclusive.

9.2 Applicants give their consent to the AFM Medical Officers to retrieve, at any point in time until they have been officially discharged from the service, personal medical records from any Government and private hospital. Any irregularity and/or discrepancy can be transmitted, by the said Medical Officers, to the appropriate Officers in the Armed Forces of Malta.

10. Moral Character

10.1 Applicants shall be of good moral character. Applicants shall, in the application form, give their consent to the Malta Police and other relevant agencies to provide the AFM with their criminal records.

10.2 Applicants are to apply at the General Headquarters of the Armed Forces of Malta and pay the applicable fee (€5.50) so that the complete record of criminal convictions (Fedina Penali) is made available to the AFM for vetting purposes. Applicants are to attach the receipt issued by the AFM to the application form and include the receipt number in the application form. Applications submitted without this requirement shall not be deemed valid. Conduct certificates are not accepted.

10.3 Vetting will be in accordance with AFM policies.

10.4 The AFM reserves the right to annul the result of the Selection Process of any successful candidate who at any time is found to have an unacceptable criminal record or has

inkella jkun tkeċċa mil-FAM, jew minn xi Korp dixxiplinat ieħor.

11. Ingaġġ

11.1 Il-kandidati li jintgħażlu jkunu meħtieġa jgħaddu minn Test Preparatorju ta' Effiċjenza Fiżika qabel jiġu ingaġġati biex jiġi żgurat li jkunu għadhom fiżikament f'saħħithom skont l-istandards tal-Forza Regolari.

11.2 Il-kandidati magħżula se jiġu ingaġġati sabiex jimlew il-postijiet vakanti bħala Gunner Rekluti u jkunu jridu jagħmlu taħriġ bażiku għal perijodu ta' mhux aktar minn 5 xhur. Rekluti jistgħu jiġu maħlula mis-Servizz jekk ma jilħqux il-livell meħtieġ.

11.3 Ir-rekluti, li jlestu dan il-kors ta' taħriġ bażiku jiġu kkonfermati fir-rank ta' Gunner u jiġu impjegati fit-taqsimiet differenti tal-FAM skont l-esiġenzi tas-Servizz.

11.4 Ir-rekluti jitpoġġew fuq Skala 15 fejn jibdew b'salarju ta' €17,265.00 fis-sena. Wara sentejn ta' servizz jiġu riskalati għal skala 14 u sussegwentament għal Skala 13 wara erba' snin ta' servizz. Persuni ingaġġati jistgħu wkoll ikunu eliġibbli għal diversi forom ta' allowances li jvarjaw minn dħul annwali addizzjonali ta' €627 sa €4,024.06 skont ir-rank, fuq il-kisba ta' kwalifiki militari u tip ta' speċjalizzazzjoni mwettqa.

12. Sottomissjoni tal-Applikazzjonijiet

12.1 L-applikanti għandhom japplikaw permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (https://edurecruitment.gov.mt) mill-Ġimgħa, 5 ta' Lulju sal-Ħadd 21, ta' Lulju, 2024.

12.2. Flimkien mal-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom jipprovdu:

ritratt tad-daqs tal-passaport bil-kulur;

(ii) irċevuta (datata wara l-pubblikazzjoni ta' din is-sejħa) maħruġa mill-FAM għal-ħruġ tar-reġistru tal-kundanni Fedina Penali. Ċertifikati tal-kondotta mhux aċċettati;

(iii) miżata tal-eżami ta' €9.30 (mhux rifondibbli);

(iv) kopji skennjati b'mod ċar tal-paġni kollha taċ-ċertifikati u transcripts mitluba u dikjarazzjoni tal-Livell tal-MQF fejn applikabbli.

12.3 Id-dokumenti oriġinali u d-dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent u/jew iċ-ċertifikati għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

been dismissed from the AFM or any disciplined Force.

11. Enlistment

11.1 Successful candidates shall be required to attend a Preparatory Physical Efficiency Test prior enlistment to ensure fitness to the Regular Force standards.

11.2 Selected candidates shall be enlisted to fill vacancies as Gunner Recruits and will be required to undergo a basic training course of 5 months maximum duration. Recruits may be discharged from the Service should they fail to achieve the required standards.

11.3 Recruits who successfully complete the basic training course will be confirmed in the rank of Gunner in the AFM and shall be posted to various Units according to the exigencies of the Service.

11.4 Recruits will be placed on salary Scale 15 with an initial salary of €17,265.00 per annum. They will proceed to salary scale 14 after two years of service and to salary Scale 13 after four years of service. Enlisted persons may also be eligible to various forms of allowances ranging from an additional annual income of €627 to €4,024.06 according to rank, on the achievement of military qualifications and type of specialisation conducted.

12. Submission of Applications

12.1 Candidates are to apply through the Recruitment Portal of the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (https://edurecruitment.gov.mt) from Friday, 5th July, 2024 till Sunday, 21st July, 2024.

12.2 Together with the application form, applicants must provide:

(i) a colour passport sized photograph;

(ii) receipt (dated after the publication of this call) issued by the AFM on application for issue of criminal record Fedina Penali. Conduct certificates are not accepted;

(iii) an examination fee of €9.30 (non- refundable);

(iv) clear scanned copies of all pages of the requested certificates and transcripts including MQF Level statement where applicable.

12.3 Original documents, recognition statements and/or certificates are to be invariably produced during the interview.

12.4 Applikanti prospettivi huma mwissija biex ma jistennewx sal-aħħar ġurnata biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom minħabba l-possibbiltà ta' xi ħsara jew staġnar fl-internet u li jistgħu jwasslu għal diffikultajiet fis-sottomissjoni tal-applikazzjoni. L-applikanti għandhom jiżguraw li wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni tagħhom, għandhom iżommu kopja tal-irċevuta mibgħuta lilhom permezz ta' ittra elettronika, bħala referenza. L-applikanti jkunu meqjusa li jkunu applikaw sad-data u l-ħin tal-għeluq, biss jekk ikollhom din l-irċevuta. Ma jiġux ikkunsidrati applikazzjonijiet li jaslu tard.

12.5 Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali u l-FAM, ikollhom is-setgħa, fil-partijiet rispettivi tagħhom, li jittrattaw sommarjament ma' kull applikant li, waqt li jkun qiegħed isir il-Proċess ta' Għażla, jinstab ħati ta' mġiba ħażina jew xi ksur ieħor tal-istruzzjonijiet maħruġa biex jiggwidaw lill-applikanti.

12.6 Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżomm id-dritt li jħassar il-Proċess ta' Għażla jekk tinstab xi irregolarità dwar dan il-Proċess ta' Selezzjoni. Tħassir bħal dan jista' jkun dwar il-proċess kollu, ukoll jekk l-irregolarità li tinstab tkun dwar suġġett wieħed biss jew stadju partikolari tal-Proċess ta' Għażla.

12.7 Aktar informazzjoni fuq il-FAM tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-FAM (www.afm.gov.mt).

Il-5 ta' Lulju, 2024

FORZI ARMATI TA' MALTA

Sejħa għall-ingaġġ ta' Uffiċjali Kadetti fil-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari)

1. Il-Forzi Armati ta' Malta tistieden applikazzjonijiet għall-ingaġġ ta':

a. Uffiċjali Kadetti;
b. Uffiċjali Kadetti biex iservu fuq il-baħar;
c. Uffiċjali Kadetti Piloti tal-Ajru,

għall-ingaġġ inizjali ta' tnax-il xahar, fil-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta.

2. L-applikanti:

a) għandhom ikunu ċittadini Maltin;

b) għandhom ikunu medikament b'saħħithom biex jaqdu d-dmirijiet skont il-livell tal-Forza Regolari. Dan jinkludi li ma jkunux iqsar minn 1.57m fil-każ tal-irġiel u 1.52m fil-każ tan-nisa u ta' piż aċċettabbli paragunat mat-tul;

c) għandhom ikunu ta' karattru morali tajjeb;

12.4 Prospective applicants are strongly advised not to wait until the last day to submit their application since heavy internet traffic or a fault with the internet connection could lead to difficulties in submission. Applicants are to ensure that after the submission of their application, a copy of the receipt of application received through an email, is to be kept for future reference. Applicants are deemed to have applied by the closing date and time, only if they are in possession of this receipt. Late applications will not be considered.

12.5 The Board of Local Public Examinations and the AFM shall, in their respective parts, have the power to deal summarily with any applicant who, while the Selection Process is in progress, is found to be guilty of misconduct or of any other breach of the instructions issued for the guidance of applicants.

12.6 The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the Selection Process if any irregularity is detected in connection therewith. Such annulment may be in respect of the whole process even if the detected irregularity is in respect of only one subject or a particular stage of the Selection Process.

12.7 Further information on the AFM can be found on the AFM website (www.afm.gov.mt).

5th July, 2024

ARMED FORCES OF MALTA

Call for enlistment of Officer Cadets in the Armed Forces of Malta (Regular Force)

1. The Armed Forces of Malta invites applications for the enlistment of:

a. Officer Cadets;
b. Sea going Officer Cadets;
c. Air Pilot Officer Cadets,

on an initial twelve month engagement in the Regular Force of the Armed Forces of Malta.

2. Applicants must:

a) be citizens of Malta;

b) be medically fit for duty to Regular Force Standards. This includes a minimum height requirement of 1.57m for males and 1.52m for females and of acceptable body weight in proportion to height;

c) be of good moral character;

d) għandhom ikunu għalqu t-18-il sena sal-31 ta' Diċembru, 2024 u ma jkunux għalqu t-30 sena sat-30 ta' April, 2025;

e) ma jkollhomx tattoos eċċessivi, imma żgur mhux fuq il-wiċċ u l-għonq u l-wiċċ tal-id jew tattoos li huma offensivi, estremisti, indeċenti jew razzisti fuq partijiet oħra tal-ġisem.

3. L-applikanti għandhom:

a) jekk japplikaw għall-kariga ta' Uffiċjali Kadetti,

ikunu għaddew f'sitt suġġetti f'Livell Ordinarju taċ-ĊES (SEC) jew General Certificate of Education (l-inqas Grad 5 taċ-ĊES (SEC) jew Grad 4/C jew aħjar tal-Edexcel (London)). Dawn is-sitt suġġetti jridu jinkludu l-Malti, il-lingwa Ingliża, il-Matematika u suġġett tax-Xjenza (il-Fiżika, il-Kimika, il-Bijoloġija jew l-Istudji tal-Kompjuter);

U

ikunu għaddew f'żewġ suġġetti f'Livell Avvanzat fil-Matrikola/General Certificate of Education (l-inqas Grad D jew aħjar) jew ikollhom Diploma f'Livell 4 tal-MQF (b'minimu ta' 120 krettu ECTS/ECVET), jew Baċellerat f'Livell 6 tal-MQF (minimu 180 ECTS) jew Master's Degree f'Livell 7 tal-MQF (minimu 90 ECTS) jew Dottorat fl-Livell 8 tal-MQF.

JEW

ikunu għaddew:

fil-Malti, il-lingwa Ingliża, il-Matematika u suġġett tax-xjenza (il-Fiżika, il-Kimika, il-Bijoloġija jew l-Istudji tal-Kompjuter) fil-Livell Ordinarju taċ-ĊES (SEC) jew General Certificate of Education (l-inqas Grad 5 taċ-ĊES (SEC) jew Grad 4/C jew aħjar tal-Edexcel (London)) jew ikollhom Diploma f'Livell 3 tal-MQF (b'minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET) li tinkludi dawn l-4 suġġetti elenkati fit-traskrizzjoni fil-Livell 3 tal-MQF.

U

Diploma MQF fil-livell 4 (b'minimu ta' 120 krettu ECTS/ECVET), jew Baċellerat f'Livell 6 tal-MQF (minimu 180 ECTS) jew Master's Degree Livell 7 tal-MQF (minimu 90 ECTS) jew Dottorat MQF livell 8.

b) jekk japplikaw għall- kariga ta' Uffiċjali Kadetti biex iservu fuq il-baħar, ikollhom ir-rekwiżiti msemmija f'para. 3(a) kif ukoll ikunu temmew b'suċċess kors li jiċċertifika lill-individwu bħala Uffiċjal inkarigat fin-Navigational Watch jew kors li jiċċertifika lill-individwu bħala Uffiċjal Inkarigat fl-Engineering Watch maħruġ mill-Istitut Marittimu tal-MCAST;

d) be 18 years of age by years of age by 31st December, 2024 and not having attained the age of 30 by 30th April, 2025;

e) not sport excessive tattoos, but definitely not on face and neck and face of the hand or tattoos that are offensive, extremist, indecent or racist on any part of the body.

3. Applicants must:

a) if applying for the posts of Officer Cadets, be in possession of passes in,

six subjects at Ordinary Level of the SEC or General Certificate of Education (minimum Grade 5 in the case of SEC and Grade 4/C or better in the case of Edexcel (London) examinations). These 6 subjects must include Maltese, English Language, Mathematics and one science subject (Physics, Chemistry, Biology or Computer Studies);

AND

two subjects at Advanced Level in the Matriculation/ General Certificate of Education (minimum Grade D or better) or be in possession of a Diploma at MQF Level 4 (with a minimum of 120 ECTS/ECVET credits), or a Bachelor's Degree at MQF Level 6 (minimum 180 ECTS) or a Master's Degree MQF Level 7 (min 90 ECTS) or a Doctoral Degree MQF Level 8.

OR

be in possession of:

Maltese, English Language, Mathematics and a science subject (Physics, Chemistry, Biology or Computer Studies) at Ordinary Level of the SEC or General Certificate of Education (minimum Grade 5 in the case of SEC and Grade 4/C or better in the case of Edexcel (London) examinations) or a Diploma at MQF Level 3 (with a minimum of 60 ECTS/ ECVET credits) including these 4 subjects listed in transcript at MQF Level 3

AND

Diploma at MQF level 4 (with a minimum of 120 ECTS/ ECVET credits), or a Bachelor's Degree at MQF Level 6 (minimum 180 ECTS) or a Master's Degree MQF Level 7 (minimum 90 ECTS) or a Doctoral Degree MQF Level 8.

b) if applying for the posts of Sea going Officer Cadets, be in possession of requirements stated in para. 3(a) and have successfully completed the course leading to Certification as an Officer-in-Charge of a Navigational Watch or the course leading to Certification as an Officer-in-Charge of an Engineering Watch at the MCAST Maritime Institute;

c) jekk japplikaw għall- kariga ta' Uffiċjali Kadetti Piloti tal-Ajru, ikollhom ir-rekwiżiti msemmija f'para 3(a) kif ukoll Commercial Pilot Licence.

Il-kwalifiki tal-ECDL mhumiex aċċettati bħala parti mir-rekwiżiti bażiċi.

L-applikanti li jkunu qed jistennew il-pubblikazzjoni ta' riżultati ta' xi kwalifika msemmija hawn fuq xorta jistgħu japplikaw proviżorjament iżda jkunu meħtieġa jippreżentaw iċ-ċertifikati neċessarji sad-data tal-intervista.

4. Il-proċess ta' selezzjoni se jikkonsisti fi:

Parti I – Test ta' Effiċjenza Fiżika
Parti II – Psychometric Test
Parti III – Test Militari
Parti IV – Intervista
Parti V – Eżami Mediku

L-applikanti jingħataw informazzjoni dwar kif se jseħħ il-Proċess ta' Selezzjoni iktar 'il quddiem.

Ir-riżultati jkunu ppubblikati fuq is-sit uffiċjali tal-Forzi Armati ta' Malta jew mibgħuta permezz ta' ittra elettronika.

Applikanti li f'xi ħin jinstabu li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti mniżżlin f'paragrafu 2 ma jitħallewx ikomplu l-Proċess tal-Għażla jew jiġu mħassra r-riżultati tagħhom.

Parti I – Eżami ta' Effiċjenza Fiżika

5. L-applikanti jkunu iċċekkjati għat-tul sabiex jiġi żgurat li jilħqu l-ħtiġiet stipulati f'para 2 ta' din is-sejħa.

6. Il-livell minimu li jrid jintlaħaq f'kull wieħed mit-tliet testijiet ta' effiċjenza fiżika hu kif jidher hawn taħt:

a) 1 mile run – mhux aktar minn 8 minuti u 30 sekonda fil-każ tal-irġiel u 10 minuti u 18-il sekonda fil-każ tan-nisa;

b) Push-ups – mhux anqas minn 30 darba fil- każ tal-irġiel u 11-il darba fil-każ tan-nisa f'ħin ta' mhux iktar minn 2 minuti;

c) Sit-ups – mhux anqas minn 37 darba fil-każ tal-irġiel u 35 darba fil-każ tan-nisa f'ħin ta' mhux iktar minn 2 minuti.

Parti I – Eżami ta' Effiċjenza Fiżika (Punti: Massimu 150, Minimu 75);

7. L-applikanti jridu mill-anqas jilħqu l-istandard minimu f'kull test fiżiku biex jitqiesu li kisbu pass fl-Eżami tal-Effiċjenza Fiżika, iżda l-applikanti li ma jgħaddux minn wieħed mit-testijiet fiżiċi, jew il-1 mile run jew il-push-ups

c) if applying for the posts of Air Pilot Officer Cadets, be in possession of requirements stated in para. 3(a) and be in possession of a Commercial Pilot Licence.

ECDL Qualifications are not accepted as part of the basic requirements.

Applicants who are waiting for the publication of results of any of the qualifications indicated above may still apply provisionally but will have to present their required certificates by the date of the interview.

4. The selection process shall consist of:

Part I – Fitness Efficiency Test
Part II – Psychometric Test
Part III – Military Test
Part IV – Interview
Part V – Medical Examination

Applicants shall be provided with relevant information on the conduct of the Selection Process in due course.

Results shall be published on the Armed Forces of Malta Official Website or sent via email.

Applicants who at any time are found not to fulfill the requirements laid out in paragraph 2 shall not be allowed to proceed with the Selection Process or shall have their results annulled.

Part I – Fitness Efficiency Test

5. Applicants will be checked for height to ensure that they meet the requirements stipulated in para. 2 of this call.

6. The minimum standards to be reached in each of the fitness tests are as follows:

1 mile run – not more than 8 minutes 30 seconds for males and 10 minutes 18 seconds for females;

Push-ups – not less than 30 repetitions for males and 11 repetitions for females in a timed period of 2 minutes;

Sit-ups – not less than 37 repetitions for males and 35 repetitions for females in a timed period of 2 minutes.

Part I – Physical Efficiency Test (Points: Maximum 150, Minimum 75);

7. Applicants must at least attain the minimum standard in each physical test to be considered as having gained a pass in the Physical Efficiency Test, but applicants who fail in one feat only. i.e – either the 1-mile run or the push-ups or the sit-

jew is-sit-ups, ikunu jistgħu jerġgħu jagħmlu re-test ta' dak it-test wieħed partikolari, fi żmien għaxart (10) ijiem wara li jkun sar l-ewwel test, iżda xorta ma jkunux intitolati għal iżjed mill-marka minima ta' 75, irrispettivament mill-marki miksubin fit-testijiet l-oħra.

Parti II – Psychometric Test

8. L-applikanti jkollhom joqogħdu għal psychometric test sabiex tkun assessjata l-adegwatezza tagħhom biex iservu bħala Fizzjal bil-Kummissjoni fil-Forzi Armati ta' Malta. Iktar informazzjoni fuq is-psychometric test tingħata fuq talba uffiċjali mill-applikanti.

Parti III – Test Militari

9. Din il-parti tal-Proċess ta' Selezzjoni għandha tagħti lill-applikanti indikazzjoni tat-taħriġ tal-armata biex tgħinhom jiddeċiedu jekk humiex tajbin għall-ħajja u d-dixxiplina militari. L-applikanti ikunu meħtieġa jattendu numru ta' eżerċizzji militari ta' team building.

L-applikanti li, għal xi raġuni, ma jtemmux b'suċċess din il-parti għandhom jitqiesu li weħlu mill-Proċess tal-Għażla. L-applikanti li juru, lejn il-persunal jew applikanti oħra, kwalunkwe forma ta' mġiba li tikkostitwixxi reat militari minħabba li meqjusa għad-detriment tal-bon'ordni u d-dixxiplina militari għandhom jitqiesu li weħlu mill-Proċess tal-Għażla.

Parti IV – Intervista

10. L-applikanti jiġu assessjati mill-Bord tal-Għażla biex jiġi żgurat li huma adegwati sabiex iservu bħala Fizzjal bil-kummissjoni fil-Forzi Armati ta' Malta. Il-marki jingħataw kif ġej:

Marka Massima

Kwalifiki Akkademiċi 80
Intervista (min. 100) 200
Lecturette (min.35) 70
Massimu: 350

Il-kanditati huma meħtieġa biex jagħtu lecturette ta' ħames (5) minuti dwar suġġett tal-għażla tagħhom. Waqt il-lecturette, l-applikanti jistgħu jużaw mezzi bħal Power Point biex tgħinhom jagħtu l-lecturette. L-applikanti jridu jiksbu l-istandard minimu fl-intervista u fil-lecturette sabiex jitqiesu li għaddew minn din il-parti tas-selezzjoni.

Parti V – Eżami Mediku

11. L-applikanti jiġu eżaminati medikament biex jiġi żgurat li huma b'saħħithom għall-impjieg skont l-istandards

ups, will be allowed to re-test that one particular event, ten (10) days following the first complete test, but if successful in such re-test, will only be entitled to the minimum pass mark of 75, regardless of the scores obtained in the other feats.

Part II – Psychometric Test

8. Applicants will be required to sit for a psychometric test to assess the candidate's suitability to serve as a Commissioned Officer in the Armed Forces of Malta. Further information on the Psychometric Test would be made available upon formal request by applicants.

Part III – Military Test

9. This part of the Selection Process shall give applicants an indication of army training to help them determine if they are suitable for military life and discipline. Applicants shall be required to attend a number of military team building exercises.

Applicants who fail, for any reason, to complete this part shall be deemed to have failed the selection process. Applicants who display, towards directing staff or other applicants, any form of behaviour, which would constitute a military offence because considered detrimental to good order and military discipline, shall be deemed to have failed the Selection Process.

Part IV – Interview

10. Applicants will be assessed by a Selection Board to assess their suitability to serve as a Commissioned Officer in the Armed Forces of Malta. Marks will be allocated as follows:

Maximum Mark

Academic Qualifications 80
Interview (min. 100) 200
Lecturette (min. 35) 70
Maximum: 350

Applicants shall be required to deliver a five (5) minute long lecturette on a subject of their choice. During the lecturette, applicants may use their choice of lecture aids, such as Power Point presentation. Applicants must attain the minimum standard in both the interview and the lecturette to be considered as having gained an overall pass in this phase of the selection process.

Part V – Medical examination

11. Applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post according to Regular Force

tal-Forzi Regolari. Iktar informazzjoni fuq l-istandards tal-Forzi Regolari tingħata fuq talba uffiċjali mill-applikanti. Applikanti għall-kariga ta' Uffiċjal Kadett Pilota jkollhom jissodisfaw ukoll il-livelli mediċi rekwiżiti tal-avjazzjoni kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali. Fil-każijiet kollha, l-assessjar tal-Uffiċjali Mediċi tal-FAM dwar jekk kull applikant huwa medikament b'saħħtu biex iservi fil-Forzi Armati ta' Malta jkun finali u konklussiv.

L-applikanti jagħtu l-kunsens tagħhom lill-Uffiċjali Mediċi tal-FAM biex f'kull ħin sakemm ikunu għadhom fis-servizz, dawn ikunu jistgħu jitolbu dokumenti mediċi personali minn kwalunkwe sptar tal-Gvern jew privat. Kwalunkwe irregolarità u/jew diskrepanza tista' tiġi rreferita mill-imsemmijin Uffiċjali Mediċi lill-Uffiċjali tal-Forzi Armati kif xieraq.

12. L-Ordni tal-Mertu, għal dawk l-applikanti li għaddew mill-partijiet kollha tal-proċess ta' selezzjoni, jiġi stabbilit skont it-total ta' marki miksuba fl-Parti I (Eżami ta' Effiċjenza Fiżika) u t-Parti III (Intervista).

13. Applikanti li, għal kwalunkwe raġuni, jonqsu milli jattendu jew itemmu xi parti mill-Proċess tal-Għażla jiġu kkunsidrati li rtiraw l-applikazzjoni tagħhom.

14. Ir-riżultat tal-proċess tal-għażla jibqa' validu għal sitt xhur mid-data tal-pubblikazzjoni uffiċjali tiegħu fuq is-sit uffiċjali tal-Forzi Armati ta' Malta.

Karattru Morali

15. L-applikanti għandhom ikunu ta' karattru morali tajjeb. l-applikanti jagħtu, fl-applikazjoni, il-kunsens tagħhom lill-Pulizija ta' Malta u aġenziji rilevanti oħra biex jipprovdu lill-FAM ir-rekord kriminali tagħhom.

L-applikanti għandhom japplikaw fil-Kwartieri Ġenerali tal-Forzi Armati ta' Malta u jħallsu l-pagament dovut (€5.50), sabiex ir-reġistru sħiħ tal-kundanni kriminali (Fedina Penali) jiġi mogħti mill-Pulizija lill-FAM għal raġunijiet ta' verifika. L-applikanti għandhom jehmżu l-ircevuta maħruġa mill-FAM meta jkunu applikaw għar-reġistru tal-kundanni mal-applikazjoni u jiktbu n-numru ta' l-irċevuta fl-applikazjoni. Applikazzjonijiet mingħajr dan li ġie mitlub ma jiġux ikkunsidrati validi. Ċertifikati tal-kondotta mhux aċċettati.

Il-verifika tkun skont il-policies tal-FAM. Il-FAM iżommu d-dritt li jannullaw ir-riżultat ta' applikant li jkun għadda mill-Proċess tal-Għażla, jekk f'xi ħin jinstab li għandu rekord kriminali mhux aċċettabli, jew inkella jkun tkeċċa mill-Forzi Armati, jew minn xi Korp dixxiplinat ieħor.

Standards. Further information on the Regular Force Standards would be made available upon formal request by applicants. Applicants applying for the posts of Air Pilot Officer Cadets will, in addition, be required to also satisfy both national and international medical aviation standards. In all cases, the AFM Medical Officers' assessment of each applicant's medical fitness to serve in the Armed Forces of Malta will be final and conclusive.

Applicants give their consent to the AFM Medical Officers to retrieve, at any point in time until they have been officially discharged from the service, personal medical records from any Government and Private hospital. Any irregularity and/or discrepancy can be transmitted, by the said Medical Officers, to the appropriate Officers in the Armed Forces of Malta.

12. The Order of Merit, for those applicants who are successful in all parts of the selection process, will be established according to the total marks obtained in Part I (Physical Efficiency Test) and Part III (Interview).

13. Applicants who, for any reason, fail to attend or complete any part of the Selection Process will be considered to have withdrawn their application.

14. The result of the selection process will be valid for a period of six months from the date of its official publication on the Official Website of the Armed Forces of Malta.

Moral Character

15. Applicants shall be of good moral character. Applicants shall, in the application form, give their consent to the Malta Police and other relevant agencies to provide the AFM with their criminal records.

Applicants are to apply at the Headquarters of the Armed Forces of Malta and pay the applicable fee (€5.50) so that the complete record of criminal convictions (*Fedina Penali*) is made available by the Police to the AFM for vetting purposes. Applicants are to attach the receipt issued by the AFM upon application for the record of criminal conviction to the application form and include the receipt number in the application form. Applications submitted without this requirement shall not be deemed valid. Conduct certificates are not accepted.

Applicants shall be vetted in accordance with AFM policies. The AFM reserves the right to annul the result of the Selection Process of any successful applicant who at any time is found to have an unacceptable criminal record or has been dismissed from the AFM or any disciplined Force.

Applikazzjoni

16. L-applikanti għandhom japplikaw permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Ministeru għall-Edukazzjoni l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (https://edurecruitment.gov.mt) mill-Ġimgħa, 5 ta' Lulju, 2024 sal-Ħadd 21 ta' Lulju, 2024.

17. Mal-applikazzjoni l-applikanti għandhom jippreżentaw:

a) ritratt tad-daqs tal-passaport bil-kulur;

b) kopji skennjati b'mod ċar tal-paġni kollha taċ-ċertifikati u transcripts mitluba u dikjarazzjoni tal-MQF Level fejn applikabbli;

c) Service and Leave Record Form – GP47 (applikanti mis-Servizz Pubbliku Malti);

d) irċevuta (datata wara l-pubblikazzjoni ta' din is-sejħa) maħruġa mill-FAM għal ħruġ tar-reġistru tal-kundanni Fedina Penali. Ċertifikati tal-kondotta mhux aċċettati;

e) dritt ta' ħlas ta' €9.30 (mhux rifondibbli);

18. Id-dokumenti oriġinali, id-dokumenti ta' identifikazzjoni, iċ-ċertifikati u/jew ittri ta' rakkomandazzjoni għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew għall-verifika mal-applikazzjoni kif ukoll waqt l-intervista.

Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom ċertifikati maħruġa minn entitajiet edukativi li mhumiex 'self-accrediting', li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent MQF dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC), fi ħdan l-Awtorità ta' Malta tal-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA), liema talba għandha tiġi sottomessa online fis-sit (https://mfhea.mt/academic-qualifications/) Tali dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

Tista' ma tiġix ippreżentata d-dikjarazzjoni ta' rikonoxximent mill-MQRIC fir-rigward ta' kwalifiki maħruġa minn istituzzjonijiet Maltin self-accrediting bħall-Università ta' Malta, l-MCAST u l-ITS; jew xi kwalifika Maltija li ġiet akkreditata mill-MFHEA.

Qabel ma jintalbu d-dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom, l-applikanti għandhom l-ewwel jikkonsultaw mal-'List of Licensed Providers and Accredited Programmes' tal-MFHEA li tista' tiġi aċċessata minn (https://mfhea.mt/list-of-licensed-providers-and-accredited-programmes/). L-applikanti huma eżentati milli jissottomettu dikjarazzjoni ta' rikonoxximent jekk huma jippreżentaw il-

Application

16. Candidates are to apply through the Recruitment Portal of the Ministry for Education, Sport, Youth, Research, and Innovation: (https://edurecruitment.gov.mt) from Friday, 5th July, 2024 till Sunday, 21st July, 2024.

17. With the application form applicants must produce:

a) a colour passport sized photograph;

b) clear scanned copies of all pages of the requested certificates and transcripts including MQF Level statement where applicable;

c) Service and Leave Record Form – GP47 (applicants from the Malta Public Service);

d) receipt (dated after the publication of this call) issued by the AFM on application for issue of criminal record Fedina Penali. Conduct certificates are not accepted;

e) a fee of €9.30 (non-refundable);

18. Original documents, identification documents, certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification when submitting the application form and during the interview.

It is the responsibility of the applicants in possession of qualifications awarded by educational institutions which are not "self-accrediting providers", to produce an MQF recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Malta Further and Higher Education Authority (MFHEA), which is to be obtained by submitting an online application at (https://mfhea.mt/academic-qualifications/) Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

No recognition statement by MQRIC is required in respect of qualifications issued by Maltese self-accrediting institutions, these include the University of Malta, MCAST and ITS; or any Maltese qualification that has been accredited by the MFHEA

Prior to requesting recognition statements in respect of their qualifications, applicants should first consult the 'List of Licensed Providers and Accredited Programmes' of the MFHEA which can be accessed from (https://mfhea.mt/list-of-licensed-providers-and-accredited-programmes/). Applicants are exempt from submitting a recognition statement if they are presenting qualifications listed therein.

kwalifiki elenkati fil-lista. Kopja stampata tat-tali lista li tinkludi l-kwalifika għandha tiġi ppreżentata mill-applikant.

L-applikanti li ma jkollhomx tali dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw xorta, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni lid-dipartiment/direttorat li qed jilqa' l-applikazzjonijiet malli din tkun disponibbli u, fi kwalunkwe każ, sa mhux aktar tard mid-data tal-intervista. L-applikanti jistgħu jiġu assessjati b'mod proviżorju waqt li għadhom qed jistennew l-ekwivalenza tal-MQRIC għall-kwalifika/i tagħhom. Jekk ir-rapport tal-ekwivalenza jkun fin-negattiv jew ma jiġix ippreżentat sal-ġurnata tal-intervista, dawn l-applikanti jiġu skwalifikati mill-Proċess ta' Għażla.

19. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

20. Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali u l-FAM ikollhom s-setgħa, fil-partijiet rispettivi tagħhom, li jittrattaw sommarjament ma' kull applikant li, waqt li jkun qiegħed isir il-Proċess tal-Għażla, jinstab ħati ta' mġiba ħażina jew xi ksur ieħor tar-regolamenti maħruġa biex jiggwidaw lill-applikanti.

21. Il-FAM iżżomm id-dritt li tħassar il-proċess tal-għażla jekk tinstab irregolarità dwar dan il-proċess. Tħassir bħal dan jista' jkun dwar l-eżami kollu wkoll jekk l-irregolarità li tinstab tkun dwar parti waħda biss jew stadju partikolari tal-proċess ta' selezzjoni.

Ingaġġ

22. L-applikanti li jgħaddu jiġu ingaġġati bħala Uffiċjali Kadetti għal perjodu inizjali ta' taħriġ ta' tnax-il xahar u mħallsa Salarju ta' Skala 11 (€22,642.00). It-taħriġ militari ma jistax ikun interrott għall-ebda raġuni. Dawk li jkunu ingaġġati jistgħu jkunu meħtieġa jagħmlu perjodu ta' taħriġ barra minn Malta. Dawk li ma jilħqux il-livell neċessarju matul il-perjodu ta' taħriġ jistgħu jitkeċċew.

Mal-ingaġġ, il-kadetti jkun jeħtiġilhom jgħaddu mill-proċess ta' Security Clearance sabiex jiksbu National Security Clearance Certificate fil-livell meħtieġ. L-applikanti li ma jgħaddux minn dan il-proċess jiġu maħlula mis-Servizz.

23. Il-kadetti li jispiċċaw dan il-perjodu ta' taħriġ b'suċċess, fi tmiem l-ingaġġ ta' tnax-il xahar, jingħataw kummissjoni fir-rank ta' Second Lieutenant (Skala 8, €27,179.02), b'żidiet annwali ta' €486.83) għal perjodu ta' tmintax-il xahar. Wara li jiskadi dan il-perjodu u suġġett għal prestazzjoni sodisfaċenti l-Uffiċjali Kummissjunati jiġu promossi għar-rank ta' Logutenent (Skala 7, €28,855.98 b'żidiet annwali ta' €531.17). L-Uffiċjali ingaġġati jistgħu wkoll ikunu eliġibbli għal diversi forom ta' allowances li jvarjaw minn dħul annwali addizzjonali ta' €627 sa €4,600.44 skont ir-rank, fuq il-kisba ta' kwalifiki militari u

A print of such list including the qualification is to be presented by the applicant.

Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided they submit a copy of the statement to the receiving department/directorate as soon as it is available, and, in any case, by not later than the date of the interview. Applicants may be assessed provisionally whilst still awaiting MQRIC equivalence of their qualification/s. Should the equivalence report be in the negative or not presented by not later than the date of the interview, such applicants will be disqualified from the Selection Process.

19. Late applications will not be considered.

20. The Board of Local Public Examinations and the AFM shall, in their respective parts, have the power to deal summarily with any applicant who, while the Selection Process is in progress, is found to be guilty of misconduct or of any other breach of the instructions issued for the guidance of applicants.

21. The AFM reserves the right to annul the selection process if any irregularity is detected in connection herewith. Such annulment may be in respect of the whole selection process even if the detected irregularity is in respect of only one area or a particular stage of the selection process.

Enlistment

22. Successful applicants will be enlisted as Officer Cadets for an initial twelve-month training period and be paid in Salary Scale 11 (€22,642.00). Military training cannot be interrupted for any reason, cadets who interrupt their military training may be discharged from the force. Those enlisted may be required to undergo a long period of training abroad. Failure to meet the required standards at any point during the training period may lead to discharge.

On enlistment, cadets will be required to undergo a Security Clearance process to obtain a National Security Clearance Certificate at the required level. Applicants failing this process will be dismissed from the Force.

23. On successful completion of their twelve-month training period, cadets will be commissioned in the rank of Second Lieutenant (Scale 8, €27,179.02) rising by annual increments of €486.83) for a period of eighteen months. On the expiry of this period and subject to satisfactory performance, the Commissioned Officers will then be promoted to the rank of Lieutenant (Scale 7, €28,855.98 rising by annual increments of €531.17). Enlisted Officers may also be eligible to various forms of allowances ranging from an additional annual income of €627 to €4,600.44 according to rank, on the achievement of

tip ta' speċjalizzazzjoni mwettqa. Il-kummissjoni fir-rank ta' Second Lieutenant u wara fir-rank ta' Logutenent, tista' tkun marbuta mat-tkomplija b'suċċess ta' kors twil barra minn Malta.

24. Uffiċjali Kummissjonati jkunu marbuta li jservu fil-Forza Regolari għal perjodu ta' mhux anqas minn tliet snin mid-data ta' meta jingħataw il-kummissjoni. Wieħed għandu jinnota wkoll li, skont ir-Regolamenti preżenti tal-Forzi Armati ta' Malta, uffiċjali u suldati li jattendu kors ta' taħrig barra minn Malta jistgħu jkunu meħtieġa li jagħmlu perjodu ta' servizz mandatorju, wara li jkunu temmew it-taħriġ tagħhom.

25. Uffiċjali Kadetti u Uffiċjali li għal xi raġuni jonqsu li jtemmu xi wieħed mill-perjodi ta' servizz mandatorju msemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' hawn fuq, jistgħu ikunu mġiegħla jirrifondu lill-Gvern ta' Malta l-ispejjeż kollha li jkun ħallas il-Gvern, kemm fit-taħriġ bażiku fl-ewwel sena kif ukoll għal taħriġ barra minn Malta, fuq bażi prorata.

27. Aktar informazzjoni fuq l-FAM tista tinkiseb mis-sit elettroniku tal-FAM (https://afm.gov.mt/).

Il-5 ta' Lulju, 2024

military qualifications and type of specialisation conducted. The commission in the rank of Second Lieutenant and subsequent promotion to the rank of Lieutenant may be tied to the successful completion of a long courses abroad.

24. Commissioned Officers will be bound to serve in the Regular Force for a minimum period of three years from the date of their commission. It should also be noted that, in terms of current Armed Forces of Malta Regulations, officers and soldiers who undertake overseas training may be required to serve for a period of mandatory service, following the completion of their training.

25. Officer Cadets and Officers who fail to complete any of the mandatory periods of service referred to in the previous paragraphs may be required to refund to the Government of Malta all the expenses incurred by the Government both during the first year of basic training and during overseas training, on a pro-rata basis.

27. Further information on the AFM can be found on the AFM website (https://afm.gov.mt/).

5th July, 2024

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-ARTI PERFORMATTIVA

Kor Malta

Deskrizzjoni tax-Xogħol

Kor Malta qed tfittex li timpjega tmien (8) membri għall-vocal ensemble għal kuntratt ta' servizz ta' (12) tnax-il xahar. F'dan ir-rwol, wieħed għaddej regolarment b'rappreżentazzjonijiet u bi provi ta' repertorju vast. L-ensemble magħżul se jieħu sehem bħala korista f'kull kunċert ta' KorMalta.

Responsabbiltajiet Ewlenin

Il-Vocal Ensemble ta' KorMalta se jkun mitlub biex:

Jattendi minimu ta' 10 provi fix-xahar, b'mill-inqas waħda mill-provi ssir is-Sibt (filgħodu jew waranofsinhar);

Jikkollabora mill-qrib ma' membri oħra tal-Vocal Ensemble biex jitjiebu l-armoniji vokali;

Jieħu sehem f'minimu ta' kunċert wieħed fix-xahar, li fih repertorju kkurat apposta;

Ikanta mal-kor sħiħ ta' KorMalta kull meta jkun meħtieġ;

Tkabbir u żvilupp professjonali: Jistinka għal tkabbir personali u professjonali billi jkopri s-sigħat mitluba

NATIONAL AGENCY FOR PERFORMING ARTS

Kor Malta

Job Outline

Kor Malta is seeking to engage eight (8) vocal ensemble members on a twelve (12) month contract for service. In this role one will be regularly performing and rehearsing a vast repertoire. The selected ensemble will be participating in all of KorMalta concerts as a chorister.

Key responsibilities of KorMalta Ensemble Member

The KorMalta Vocal Ensemble will be required to:

Attend a minimum of 10 rehearsals per month, with at least one taking place on a Saturday (morning and afternoon);

Collaborate closely with fellow Vocal Ensemble members to enhance vocal harmonies;

Take part in a minimum of one concert per month, featuring specially curated repertoire;

Sing with KorMalta full choir whenever required;

Professional development and growth: Strive for personal and professional growth by covering practice hours sessions

minnu fis-sessjonijiet tal-provi u jħejji r-repertorju. Parti fundamentali tas-sigħat fil-ġimgħa għandhom ikunu ddedikati għal dan, u jkunu ġġudikati bħala parti essenzjali fit-twettiq ta' dan ir-rwol.

Erbgħa mit-tmien kandidati li jiġu magħżula se jingħataw dmirijiet addizzjonali ta' voice leaders.

Għaxar (10) sigħat fix-xahar iddedikati għal:

a) L-iżvilupp professjonali tal-korista, u tagħlim,

b) Masterclass,

c) Jgħin lid-Direttur Artistiku f'riċerka mużikali u fir-repertorju,

d) Laqgħat artistiċi.

Li jkun punt ta' referenza u ta' rabta bejn il-korista u d-direttur artistiku.

Dawn id-dmirijiet addizzjonali se jkunu mħallsa b'addizzjoni ta' suppliment ta' €300 fix-xahar

Kuntratt u Remunerazzjoni

Kuntratt ta' servizz għal tnax-il (12) xahar li jista' jiġġedded, ikun stipulat mal-kandidati magħżula li jibda minn Settembru, 2024.

Membru tal-Ensemble Vokali se jkun remunerat b'€480 fix-xahar għall-impenn ta' 25 siegħa fix-xahar. Id-dmirijiet addizzjonali jitħallsu b'suppliment ta' €300 fix-xahar għal impenn ta' 35 siegħa.

Kriterji għall-Għażla

1. Età ta' 18-il sena jew aktar;

2. Ċittadin ta' pajjiż tal-Unjoni Ewropea jew ċittadinanza mhux tal-EU b'permess għar-residenza f'Malta, jew status ta' refuġjat jew status ta' protezzjoni sussidjarju; ir-reklutaġġ tal-kandidati li jintgħażlu huwa suġġett għar-regolarizzazzjoni tal-pożizzjoni rigward il-permess ta' residenza f'Malta għal raġunijiet ta' impjieg;

3. Esperjenza ppruvata f'kant korali.

Kif Wieħed Jista' Japplika

Il-kandidati għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom, ittra ta' akkumpanjament li tiddeskrivi l-esperjenza u l-motivazzjoni u kull tip ta' dokument rilevanti li hu meħtieġ. Dawn għandhom jintbagħtu lil:

KorMalta Producer: (karl.fiorini.1@kormalta.mt), u

regularly prepare the repertoire. A fundamental part of the weekly number of hours must be dedicated to this activity and will be judged as an essential part for the fulfilment of the role.

In additional to the above duties four of the eight selected candidates will be given additional duties of voice leaders.

An additional 10 hours per months for:

a) Chorister's Professional Development session, or Tuitions,

b) Masterclass,

c) Support Artistic Director in musical research and repertoire,

d) Artistic Meetings.

To be a point of reference and connection between the chorister and the artistic director.

These additional duties will be remunerated by an addition €300 monthly supplement.

Contract and Remuneration

A contract for service for twelve (12) months renewable, will be stipulated with selected candidates starting from September, 2024.

Vocal Ensemble Member will be remunerated 480€ per month for a 25 hours commitment. Additional duties will be remunerated with a supplement of 300€ per month for 35 hours commitment.

Selection Criteria

1. Be at least 18 years of age;

2. Citizenship of a European Union country or non-EU citizenship with residence permit in Malta, or refugee status or subsidiary protection status; the recruitment of successful candidates is subject to the regularisation of the position regarding the residence permit in Malta for employment reasons;

3. Proven experience in choral singing

How to Apply

Candidates are to send application, including all necessary documents as proof of qualifications, a motivation letter, and a detailed CV, to :

KorMalta Producer: (karl.fiorini.1@kormalta.mt), and

Kormalta Artistic Director: (riccardo.bianchi.1@kormalta.mt),

sa mhux iktar tard mill-Ħamis, 11 ta' Lulju, 2024, f'nofsinhar.

Dawk il-kandidati li jintgħażlu mal-ewwel lista se jiġu mistiedna għall-awdizzjoni.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sit elettroniku (www.kormalta.mt).

Il-5 ta' Lulju, 2024

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Sejħa għal Promotur tar-Reading Recovery/Rimonta fil-Qari (full-time) mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

Numru tal-Permess tal-Jobsplus: 218/2022
(it-tnax-il sejħa)

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal Promotur tar-Reading Recovery/Rimonta fil-Qari (full-time).

L-applikanti għandhom jissodisfaw dawn il-kriterji ta' eliġibbiltà sad-data tal-għeluq:

1. Baċellerat f'Livell 6 tal-MQF, jew ogħla, li jwassal għal kwalifika tal-professjoni ta' għalliem, flimkien mal-Warrant ta' Għalliem (mhux temporanju); U

2. Ċertifikat ta' Reading Recovery Teacher, jew ogħla;* U

3. Tal-anqas sentejn skolastiċi sħaħ bħala għalliem/a fis-settur primarju; U

4. Ċertifikati fil-Malti u l-Ingliż ta' Livell 3 tal-MQF, ĊES (Grad 1-5), jew ekwivalenti jew ogħla; U

5. Kompetenza fl-użu ta' applikazzjonijiet tat-Teknoloġija tal-Informatika, partikolarment MS Word u internet.

*Applikanti li ma jissodisfawx it-tieni kriterju jkunu kkunsidrati jekk jikkommettu ruħhom li jsegwu u jtemmu b'suċċess it-taħriġ rilevanti matul l-ewwel sena tal-impjieg tagħhom.

Il-kandidati magħżula mistennija jaħdmu tul dawn is-sigħat ta' xogħol:

Fix-xitwa: (mill-1 ta' Ottubru sal-15 ta' Ġunju) 7.15 a.m. sal-4.30 p.m.; fis-sajf (mis-16 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru) 8.00 a.m. sas-2.00 p.m.

Kormalta Artistic Director: (riccardo.bianchi.1@kormalta.mt),

by no later than noon on Thursday, 11th July, 2024.

Only shortlisted candidates will be invited for an audition.

Further information may be obtained from (www.kormalta.mt)

5th July, 2024

NATIONAL LITERACY AGENCY

Call for Resource Leader (Reading Recovery) Full-Time within the National Literacy Agency

Jobsplus Permit Number: 218/2022
(twelfth call)

The National Literacy Agency is seeking to recruit a Full-time Resource Leader (Reading Recovery).

Applicants must fulfil the following eligibility criteria by the closing date:

1. A teaching degree at MQF Level 6, or higher, together with the Teacher's Warrant (not temporary); AND

2. Reading Recovery teacher's certificate, or higher;* AND

3. At least two full scholastic years' teaching experience in the primary sector; AND

4. MQF Level 3 in Maltese and English, SEC (Grades 1-5), or equivalent, or higher; AND

5. Competency in the use of ICT applications, especially MS Word and internet.

*Applicants who are not in possession of eligibility criterion 2, will only be considered if they commit to follow and successfully complete the relevant training during their first year of employment.

Successful candidates are expected to work during the following hours:

Winter: (1st October-15th June) 7.15 a.m. till 4.30 p.m.; Summer: (16th June to 30th September) 8.00 a.m. till 2.00 p.m.

Min jixtieq aktar dettalji dwar ir-rwol u l-kundizzjonijiet tal-impjieg, jista' jfittex l-informazzjoni minn (https://nla.gov.mt/mt/sejhiet/) jew jibgħat ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew iċempel bin-numru tat-telefown 2598 3325.

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-ittra ta' applikazzjoni flimkien mal-ġabra tal-kwalifiki u l-esperjenzi fil-format tal-European Curriculum Vitae, kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom, ċertifikat tal-kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija u l-lista tax-xogħol li għamlu tul ħajjithom mill-Jobsplus, permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew bil-posta rreġistrata lil: Reklutaġġ, L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, Triq Ġużè Abela Scolaro, Il-Ħamrun HMR 1304, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 19 ta' Lulju, 2024, f'nofsinhar.

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed biex jaslu qabel id-data tal-għeluq. L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien tlett ijiem ta' xogħol. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Il-5 ta' Lulju, 2024

AWTORITÀ TAD-DJAR

Benefiċċju tal-Kera f'Residenzi Privati (2019)

B'referenza għall-Iskema Benefiċċju tal-Kera f'Residenzi Privati ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal- 1 ta' Frar 2019, l-Awtorità tad-Djar tixtieq tagħmel din l-emenda bl-effett immedjat:

1. Temenda Klawsola 5 (1) (b) biex taqra kif ġej:

(b) l-applikant ikun diġa' għamel ftehim bil-miktub ma' sid il-post li fuqu qed issir it-talba taħt din l-iskema u jkun diġa' irreġistra dan il-kuntratt tal-kera mall-Awtorità tad-Djar u dan skont Att tal-Liġi KAP 604.

2. Temenda Klawsola 5 (1) (c) biex taqra kif ġej:

(c) l-applikant huwa ċittadin ta' Malta jew tal-Unjoni Ewropea, jew igawdi minn stat ta' refuġjat, jew jgawdi minn protezzjoni sussidjarja jew jipposjedi stat ta' long term residence jew specific authorisation. Fil-każ ta' miżżewġin mhux separati, biżżejjed li parti waħda tkun Maltija jew ċittadina tal-Unjoni Ewropea; u

3. Tikkanċella Klawsola 5 (1) (d)

4. Temenda Klawsola 6 (a) sa (e) biex taqra kif ġej:

6. Skwalifika

Persuna ma tikkwalifikax biex tapplika taħt din l-iskema jekk:-

For a detailed job description, including conditions of employment, one may refer to (https://nla.gov.mt/vacancies/) or send an email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or call on telephone number 2598 3325.

Candidates should submit their letter of application, together with a summary of qualifications and experience in a European Curriculum Vitae Format, a copy of their relevant scanned certificates, a valid police conduct certificate and their Jobsplus employment history, by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or by registered post to: Recruitment, National Literacy Agency, NCC, Joseph Abela Scolaro Street, Ħamrun HMR 1304, by not later than Friday, 19th July, 2024, at noon.

Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above deadline. Applications will be acknowledged within three working days. Late applications will not be considered.

5th July, 2024

HOUSING AUTHORITY

Housing Benefit On Privately Rented Dwellings (2019)

With reference to the Housing Benefit On Privately Rented Dwellings Scheme published in the Government Gazette of the 1st of February 2019, the Housing Authority wishes to effect the following amendments with immediate effect:

1. Amend Clause 5 (1) (b) to read as follows:

(b) the applicant must have entered into a contract of lease with the landlord on the residence he/she wishes to rent and the rent agreement should be registered with the Housing Authority and this according to Chapter 604 of the Laws of Malta.

2. Amend Clause 5 (1) (c) to read as follows:

(c) the applicant is a Maltese citizen or an EU citizen, a person enjoying a refugee status, a person who possess the status of subsidiary protection, who enjoys a long term residence status or who enjoys a specific residence authorisation. In the case only of married couples but not separated, one of the couple must be a Maltese or EU citizen; and

3. Delete Clause 5 (1) (d).

4. Amend Clause 6 (a) to (e) to read as follows:

6. Disqualification

A person shall not qualify to make an application under this Section if:-

(a) id-dħul annwu totali jeċċedi s-somma kif stipulata fi Klawsola 13; u/jew

(b) il-fond li għalih issir l-applikazzjoni mhux użati bħala r-residenza ordinarja tal-applikanti u tal-familji tagħhom; u/jew

(c) il-kuntratt tal-kirja ma jkunx reġistrat mall-Awtorità tad-Djar skont Liġi Kap 604;

(d) tkun diġa bbenefikat minn xi għajnuna taħt dik li kienet magħrufa bħala 'l-Iskema tal-Home Ownership'; u/jew

(e) tkun diġa bbenefikat minn xi skema oħra ta' sussidju fuq ir-rata tal-imgħax maħruġa mill- Awtorità tad-Djar u mid-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali u tali persuna tkun żammet id-drittijiet fuq il-proprjetà li fuqha tgawda s-sussidju; u/jew

Minkejja il-kundizzjonijiet ta' din il-klawsola persuna li martu/żewġha miet u li kienu bbenefikaw taħt xi skema msemmija aktar 'il fuq tista' tagħmel applikazzjoni taħt il-kondizzjonijiet ta' klawsola 5 ta' din l-iskema bil-patt li din il-persuna tipprova lill- Awtorità, u fid-diskrezzjoni assoluta tagħha, li l-proprjeta' li bbenefikat minnha kellha tiġi mibjugħa biex jiġu mħallsa djun inkorsi f'ċirkostanzi eċċezzjonali.

5. Tikkanċella Klawsoli 7 (2) u (6).

6. Temenda Klawsola 11 biex taqra kif ġej:

11. Ħlas amministrattiv u abbandun ta' applikazzjonijiet

(i) Kull applikazzjoni għall-għajnuna taħt din l-iskema għandha tiġi preżentata lill-Awtorità u dik l-applikazzjoni ma tiġix aċċettata kemm il-darba ma jkunx hemm magħha s-somma ta' għaxar Ewro (€10) bħala ħlas amministrattiv u d-dokumenti kollha meħtieġa.

(ii) Kull spiża magħmula mill-applikanti in konnessjoni mal-applikazzjoni tagħhom tkun a karigu tagħhom u ma jiġux meħuda lura mill-istess applikanti kemm jekk l-applikazzjoni tkun aċċettata mill-Awtorità kemm jekk ma tiġix aċċettata mill-Awtorità.

7. Temenda Klawsola 12 (i) biex taqra kif ġej:

12. Dħul annwu totali tal-applikant

Għall-skopijiet ta' din l-applikazzjoni d-dħul annwu aggregat tal-applikant u benefiċċjarji jinkludi:

(i) dħul gross minn impjieg, paga u/jew salarju, overtime, pensjoni u/jew benefiċċju soċjali oħra tal-applikanti (eskluži ċ-Children's Allowance, assistenza mhux kontributirja u

(a) the aggregate annual income of the applicant/s exceeding the amount as laid down in Clause 13 and/or

(b) the unit on which an application is being submitted is not being used as the ordinary residence of the applicant and his family;

(c) the rental agreement is not registered with the Housing Authority and this according to Chapter 604 of the Laws of Malta.

(d) the applicant has already benefited from any assistance under what used to be known as the 'Home Ownership Scheme'; and/or

(e) the applicant has already benefitted from subsidy on the rate of interest issued by the Housing Authority or the Department of Social Accommodation and has retained the rights on the same property on which subsidy was enjoyed.

Notwithstanding the provisions of this clause, a person whose spouse has died and who has benefited under any scheme referred to above, may make an application under the provisions of clause 5 of this scheme provided that he/she proves to the Authority, at its own discretion, that the property which had so benefited, had to be sold to satisfy debts due incurred under exceptional circumstances.

5. Delete Clauses 7 (2) and (6).

6. Amend Clause 11 to read as follows:

11. Administrative charges and abandoned applications

(i) Each application for assistance under this Scheme shall be lodged to the Authority and that application shall not be accepted unless accompanied by the sum of ten Euros (€10) as an administrative charges and together with all the necessary documents.

(ii) Any expenses incurred by the applicants in connection with their application, shall not be recoverable by the applicants whether or not their application is accepted by the Authority.

7. Amend Clause 12 (i) to read as follows:

12. Aggregate annual income

For all purposes of the application, calculation of the aggregate annual income of applicant shall be as follows:-

(i) the gross income from any occupation, pay and/or salary, overtime, pension and/or other social benefits (excluding children's allowance, medical assistance and

assitenza medika) fl-intier tagħhom għas-sena bażi preċedenti. F'każ li fis-sena preċedenti l-applikant ma kellhu l-ebda dħul allura l-Awtorità tad-Djar tikkunsidra d-dħul fid-data tal-applikazzjoni. Meta l-applikazzjoni ssir minn żewġ applikanti jew aktar, jiġi kkunsidrat id-dħul gross minn impjieg tal-applikanti kollha.

8. Tikkanċella Klawsola 12 (ii).

9. Temenda Klawsola 13 (iii) (b) biex taqra kif ġej:

(b) f'kull sena tar-reviżjoni l-applikant irid jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha tal-iskema. Jekk fid-data tar-reviżjoni hu ma jissodisfax il-kundizzjonijiet ta' Klawsoli 5 u 6 ta' din l-iskema (u dan minkejja li fid-data tal-applikazzjoni hu kien issodisfa dawn il-kundizzjonijiet u b'hekk kien ikkwalifika) ma jkunx intitolat għal xi benefiċċju ulterjuri u l-applikazzjoni tingħalaq immedjatament.

10. Temenda Klawsola 13 (iv) u (v) biex taqra kif ġej:

(vi) Il-benefiċċju jkun effettiv mill-ewwel ġurnata tax-xahar ta' wara li tiġi aċċettata l-applikazzjoni imma reviżjonijiet futuri jkunu effettivi mill-pagament li jkun imiss wara sentejn mid-data li tiġi aċċettata l-applikazzjoni.

(v) is-sussidju jiġi mħallas lill-applikant b'xahar il-quddiem. Waqt li l-Awtorità tad-Djar mhux ser titlob lill-applikanti jissottomettu l-irċevuti tal-kera kull tlett xhur u dan l-għaliex il-pagamenti ser jinħarġu dment li l-kuntratt tal-kera jkun reġistrat mall-Awtorità tad-Djar, l-applikant jintrabat li jżomm l-irċevuti tal-kera tal-anqas sitt xhur.

Jekk l-applikant jonqos milli jissottometti l-irċevuti tal-kera meta mitlub mill-Awtorità tad-Djar, l-applikant ikun obbligat li jirrifondi l-ammont ta' benefiċċju li jkun ingħata taħt din l-iskema. Barra minn hekk, l-Awtorità tad-Djar iżżomm id-dritt fid-diskrezzjoni tagħha li titlob irċevuti tal-kera fejn tqis xieraq.

11. Temenda Klawsola 15 (e) biex taqra kif ġej:

(e) jonqos li jipprovdi l-irċevuti validi tal-kera mħallsa meta jiġi mitlub mill-Awtorità tad-Djar;

12. Iżżid is-segwenti taħt Klawola 15 (ii):

Il-benefiċċju tal-kera jiġi mwaqqaf immedjatament hekk kif il-kuntratt tal-kera ma jibqax reġistrat mal-Awtorità tad-Djar jew il-kuntratt jiġi terminat. F'każ fejn l-irċevuti tal-kera ma jiġux preżentati meta mitluba, il-benefiċċjarju ikun obbligat li jirrifondi l-ammont li jkun ingħata f'benefiċċju taħt din l-iskema.

non-contributary allowance) earned by the applicants during the basic preceding calendar year. In the eventually that the applicant had no income in the preceding year, the Authority will take in consideration the income being earned by applicant on date of application. When the application is made by two or more applicants, the gross income of all applicants is taken into consideration.

8. Delete Clause12 (ii).

9. Amend Clause 13 (iii) (b) to read as follows:

(b) in each year where a revision of income takes place, the applicant has to satisfy all conditions of the scheme and will not be eligible for any housing benefit if he/she does not satisfy conditions at Clauses 5 and 6 of this scheme (even though he/she would have been eligible for benefit on date of application). In this case the applicant will not be eligible for further benefit.

10. Amend Clauses 13 (iv) & (v) to read as follows:-

(iv) the benefit shall become effective from the first day of the month following acceptance of application, but future revisions shall become effective from the next payment due and after two years from the first day of the month following acceptance of application.

(v) the benefit is paid to applicants monthly in advance. While the Housing Authority will no longer be asking the applicants to submit the rent receipts every three months, and this because the benefit will be issued only if the rental agreement is registered with the Housing Authority, the applicant is obliged to keep the rent receipts for at least a period of six months.

If the applicant fails to submit the rent receipts when asked for by the Housing Authority, the applicant will be obliged to refund the benefit that has been given under the Scheme during that year. In additions, the Housing Authority retains the right at its discretion, to request for rent receipts when it deems appropriate.

11. Amend Clause 15 (e) to read as follows:-

(e) fails to submit valid rent receipts when asked for by the Housing Authority.

12. Add the following to Clause 15 (ii)

The rent benefit is suspended immediately as soon as the rental agreement is no longer registered with the Housing Authority, or the contract is terminated. In the case where the rent receipts are not presented when requested for, the beneficiary will be obliged to refund the amount of benefit enjoyed during the year under this scheme

MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, UGWALJANZA, IR-RIFORMI U D-DJALOGU SOĊJALI

AVVIŻ – 15 ta' Ġunju 2024

Business Enhance Grant Schemes
ERDF Grant Schemes 2021-2027

Feasibility Studies

Id-Diviżjoni tal-Miżuri u s-Sapport fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru (Fondi Ewropej, Ugwaljanza, ir-Riformi u Djalogu Soċjali), hija maħtura mill-Awtorità ta' Ġestjoni (MA) bħala l-Korp Intermedjarju responsabbli mill-amministrazzjoni tal-iskemi ta' għajnuna taħt il-Fond ta' Żvilupp Reġjonali Ewropew (FEŻR) permess ta' Miżuri ta' Sapport fi ħdan il-programm 2021-2027.

Din id-Diviżjoni tixtieq tħabbar it-tnedija ta' skema tal-għotja ġdida fil-15 ta' Ġunju 2024:

Feasibility Studies

Din id-Diviżjoni qed tniedi wkoll l-1 Sejħa Feasibility Studies fil-15 ta' Ġunju 2024. Din is-Sejħa ser tkun amministrata permess ta' sejħa open-rolling b'dati ta' cut-off perjodiċi, liema dati jiskadu f'nofsinhar tal-ġranet imsemmija:

L-1 Sejħa Feasibility Studies	31 Lulju	30 Awwissu	30 Settembru	31 Ottubru	29 Novembru	31 Diċembru
Call 1 Feasibility Studies	*31 July*	*30 August*	*30 September*	*31 October*	*29 November*	*31 December*

Importanti li wieħed jinnota li il-proċess biex tkun sottomessa applikazzjoni taħt din is-sejħa jirrikjedi li tkun mibgħuta Concept Note tal-proġett lid-Diviżjoni tal-Miżuri u s-Sapport. Din il-Concept Note tista' tintbagħat meta wieħed jixtieq permess tal-imejl (applications.businessenhance@gov.mt). L-applikanti nteressati huma mħeġġa jikkuntattjaw lid-Diviżjoni tal-Miżuri u s-Sapport permess ta' (msd.eufunds@gov.mt) jew fuq 2555 2635 għal aktar informazzjoni.

In-Noti Gwida u l-Gwida għall-Utent għall-Applikazzjoni jistgħu jinkisbu minn fuq (https://fondi.eu) jew billi tikkuntattja lid-Diviżjoni tal-Miżuri u s-Sapport.

Il-5 ta' Lulju, 2024

Kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea

MINISTRY FOR EUROPEAN FUNDS, EQUALITY, REFORMS AND SOCIAL DIALOGUE

ANNOUNCEMENT – 15th June 2024

Business Enhance Grant Schemes
ERDF Grant Schemes 2021-2027

Feasibility Studies

The Measures and Support Division within the Office of the Prime Minister (European Funds, Equality, Reforms and Social Dialogue) has been designated by the Managing Authority (MA) as an Intermediate Body (IB) responsible for administering European Regional Development Fund (ERDF) Grant Schemes through the implementation of Support Measures under the 2021-2027 programming period.

This Division would like to announce the launch of a new aid scheme on 15th June 2024:

Feasibility Studies

The Measures and Support Division is launching Call 1 Feasibility Studies on 15th June 2024. This Call will be managed through an open rolling-call with periodical cut-off dates, which are set at noon of the following dates:

L-1 Sejħa Feasibility Studies	31 Lulju	30 Awwissu	30 Settembru	31 Ottubru	29 Novembru	31 Diċembru
Call 1 Feasibility Studies	*31 July*	*30 August*	*30 September*	*31 October*	*29 November*	*31 December*

It is important to note that the process to submit an application under this call requires the submission of a Project Concept Note to the Measures and Support Division. Interested applicants may submit their Concept Note anytime through email on (applications.businessenhance@gov.mt). Interested applicants are encouraged to contact the Measures and Support Division on (msd.eufunds@gov.mt) or 2555 2635 for more information.

The Guidance Notes and the User Guide to the Application may be obtained from (https://fondi.eu) or by contacting the Measures and Support Division.

5th July, 2024

Co-funded by the European Union

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

Aġġornament tal-Mappa Bażi 2018

L-Awtorità tal-Ippjanar tgħarraf li qiegħda twettaq aġġornament tal-mappa bażi. Għaldaqstant se jsiru stħarriġ permezz ta' droni f'din il-lokalità kif indikat:

Ir-Rabat (Għawdex) u Ta' Kerċem – 11 ta' Lulju, 2024

Aktar tagħrif jista jinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (geomatics@pa.org.mt).

Il-5 ta' Lulju, 2024

PLANNING AUTHORITY

Update to the 2018 Basemap

The Planning Authority notifies that it is undertaking an update to the 2018 Basemap. To this extent it will be carrying out surveys by means of drones in the following locality on the respective dates:

Victoria (Gozo) and Ta' Kerċem – 11th July, 2024

Any queries should be directed to (geomatics@pa.org.mt).

5th July, 2024

AĠENZIJA ŻGĦAŻAĠĦ

Lista ta' kwotazzjonijiet mogħtija minn Aġenzija Żgħażagħ matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2024 u t-30 ta' Ġunju, 2024, ippubblikata skont l-Artikolu 111(2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (A.L. 352/2016).

Il-5 ta' Lulju, 2024

AĠENZIJA ŻGĦAŻAĠĦ

List of quotations awarded by Aġenzija Żgħażagħ during the period between 1st January, 2024 and 30th June, 2024, published in line with Regulation 111 (2) of the Public Procurement Regulations (L.N. 352/2016).

5th July, 2024

Kwotazzjonijiet/*Quotations*

Nru *No.*	Numru ta' Referenza tal-Kwotazzjoni *Quotation Reference Number*	Isem tal-Kwotazzjoni/ Suġġett tal-Kwotazzjoni *Quotation Name/Subject of Quotation*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's name*	Valur tal-Kuntratt VAT Eskluża *Contract Value Excl. VAT*
1	AZ 001/2024	Ground Floor Common Area and Office Space Refurbishment Works at Marsaxlokk Youth Activity Centre Marsaxlokk – Aġenzija Żgħażagħ	5th February 2024	Yakou Sambare	€10,000.00
2	AZ 002/2024	Aġenzija Żgħażagħ Gozo Regional Youth Services – Maintenance of Internal Wooden Apertures at Aġenzija Żgħażagħ's Gozo Office, Ċentru Apollina Triq l-Imġarr Għajnsielem.	15th March 2024	Joseph Camilleri obo Skippy Woodworks	€5,084.75
3	AŻ003/2024	Call for Communication services Youth campaign to promote youth democratic participation in EU elections in the European Youth Week	7th March 2024	Bullshark LTD	€5,116.95

Threshold għall-kwotazzjonijiet hija ta' €5,000 eskluża l-VAT. Jekk awtorità kontraenti tqis li kwotazzjoni taħt it-threshold stabbilita hija ta' importanza sinifikanti, din tista' tiġi inkluża.

Threshold set for quotations stands at €5,000 excl. VAT. Should a contacting authority deem that a quotation below the set threshold is of significant importance, it can also be included.

KUNSILL LOKALI N-NAXXAR

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali n-Naxxar jgħarraf li nhar is-Sibt, 13 ta' Lulju, 2024, mis-1.00 p.m. sa nofsillejl, Pjazza Vittorja (quddiem il-knisja parrokkjali) se tkun magħluqa għat-traffiku, waqt li ż-żona ta' madwar il-knisja parrokkjali, u Triq Santa Luċija (sa Triq l-Ifran) se jkunu meqjusa bħala żona ta' rmonk.

Il-5 ta' Lulju, 2024

NAXXAR LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Naxxar Local Council notifies that on Saturday, 13th July, 2024, from 1.00 p.m. till midnight, Pjazza Vittorja (in front of the parish church) will be closed for traffic, and the area around the parish church, and Triq Santa Luċija (till Triq l-Ifran) will be considered as a towing zone.

5th July, 2024

KUNSILL LOKALI N-NADUR

Sospensjoni ta' Traffiku

Il-Kunsill Lokali n-Nadur jgħarraf illi t-toroq imsemmija se jkunu magħluqa għat-traffiku f'dawn il-ġranet:

Is-Sibtijiet u l-Ħdud mis-Sibt, 6 ta' Lulju sat-Tnejn, 30 ta' Settembru, 2024, minn 7.00 p.m. sa nofsilejl, minn Triq Diċembru Tlettax u Pjazza San Pietru u San Pawl.

Il-5 ta' Lulju, 2024

NADUR LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic

The Nadur Local Council notifies that the following streets shall be closed for traffic in the following days:

On Saturdays and Sundays from Saturday, 6th July, 2024 till Monday, 30th September, 2024, from 7.00 p.m. till midnight, from Triq Diċembru Tlettax and Pjazza San Pietru u San Pawl.

5th July, 2024

KUNSILL LOKALI L-MOSTA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Mosta jgħarraf li nhar il-Ħamis, l-1 ta' Awwissu, 2024, mit-3.00 p.m. sal-5.00 p.m., Triq il-Kungress Ewkaristiku se tkun magħluqa, parkeġġ huwa projbit, traffiku jiġi devjat għal Triq it-Torri. Triq il-Kbira se tkun magħluqa għat-traffiku mill-5.30 p.m. sat-8.00 p.m., traffiku jiġi devjat lejn Triq il-Bażilika jew Triq il-Kostituzzjoni,

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Awwissu, 2024, mit-3.00 p.m. sat-8.00 p.m., ħadd ma jista' jipparkja fuq naħa waħda ta' Triq il-Kostituzzjoni,

Traġitt u trasport pubbliku mhux se jkunu affettwati;

Nhar il-Ħamis, 8 ta' Awwissu, 2024, mit-3.00 p.m., sal-Ġimgħa, 9 ta' Awwissu, 2024, sas-2.00 a.m., Triq il-Kbira minn Pjazza Rotunda sa Misraħ San Leonardu se tiġi klassifikat bħala żona ta' rmonk u għalhekk traġitt u l-ipparkjar ta' vetturi huwa projbit,

Dħul minn Pjazza Rotunda għal Triq il-Kbira sa Misraħ San Leonardu se jkun projbit,

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Il-5 ta' Lulju, 2024

MOSTA LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Mosta Local Council notifies that on Thursday, 1st August, 2024, from 3.00 p.m. till 5.00 p.m., Triq il-Kungress Ewkaristiku will be closed, parking is prohibited, traffic will be diverted to Triq it-Torri. Triq il-Kbira will be closed for traffic from 5.30 p.m. till 8.00 p.m., traffic will be diverted to Triq il-Bażilika and Triq il-Kostituzzjoni,

Public transport will not be affected;

On Friday, 2nd August, 2024, from 3.00 p.m. till 8.00 p.m., parking is prohibited on side of Triq il-Kostituzzjoni,

Transit and public transport will not be affected;

On Thursday, 8th August, 2024, from 3.00 p.m., till Friday, 9th August, 2024, till 2.00 a.m., Triq il-Kbira from Pjazza Rotunda to Misraħ San Leonardu will be classified as a tow zone and therefore the transit and parking of vehicles will prohibited,

Entry from Pjazza Rotunda to Triq il-Kbira till Misraħ San Leonardu will be prohibited.

Public transport will be affected.

5th July, 2024

KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ

Sospensjoni ta' Traffiku

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ jgħarraf li:

Nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Lulju, 2024, mit-3.00 p.m. sad-9.00 p.m., se tkun magħluqa għat-traffiku parti minn Triq Sciortino.

Vetturi li jibqgħu fuq il-post jistgħu jiġu żgumbrati.

Il-5 ta' Lulju, 2024

KUNSILL LOKALI SAN LAWRENZ

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz jgħarraf illi nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Awwissu, 2024, u s-Sibt, 10 ta' Awwissu, 2024, mill-4.00 p.m. sas-2.00 a.m.; nhar il-Ħadd, 11 ta' Awwissu, 2024, mill-4.00 p.m. sa nofsillejl, il-pjazza se tkun magħluqa. Ħadd ma jista' jipparkja fil-pjazza u Triq id-Duluri;

Nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Awwissu, 2024, mid-9.00 p.m. sa nofsillejl, Triq San Lawrenz, il-pjazza, Triq id-Duluri u Triq Ta' Cangura se jkunu magħluqa għat-traffiku matul il-marċi;

Nhar il-Ħadd, 11 ta' Awwissu, 2024, mis-7.00 p.m. sa nofsillejl, Triq San Lawrenz, il-pjazza, Triq id-Duluri u Triq Ta' Cangura se jkunu magħluqa għat-traffiku matul il-purċissjoni. Matul l-istess ħin it-toroq li ġejjin se jkunu affettwati: Triq id-Duluri se tkun 2-way road u għalhekk ħadd ma jista' jipparkja u parti minn Triq il-Ġebla tal-Ġeneral se tkun ukoll 2-way street;

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Awwissu, 2024, mill-5.30 p.m. sad- 9.30 p.m., il-pjazza se tkun magħluqa. Nhar it-Tnejn, 5 ta' Awwissu, 2024, mill-5.30 p.m. sa nofsillejl; nhar it-Tlieta, 6 ta' Awwissu, 2024, mill-4.00 p.m. sa nofsillejl; nhar l-Erbgħa, 7 ta' Awwissu, 2024, u nhar il-Ħamis, 8 ta' Awwissu, 2024, mill-5.30 p.m. sa nofsillejl, il-pjazza se tkun magħluqa. Triq id-Duluri se tkun 2-way street u għalhekk ħadd ma jista' jipparkja u parti minn Triq il-Ġebla tal-Ġeneral se tkun ukoll 2-way street.

Il-5 ta' Lulju, 2024

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

Kiri Temporanju ta' Uffiċini f'Malta mill-Awtorità tal-Ippjanar

L-Awtorità tal-Ippjanar (PA) qiegħda tistieden lil min huwa interessat sabiex jipparteċipa f'din l-espressjoni ta'

ĦAŻ-ŻEBBUĠ LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic

The Ħaż-Żebbuġ Local Council notifies that:

On Friday, 5th July, 2024, from 3.00 p.m. till 9.00 p.m., part of Triq Sciortino will be closed for traffic.

Parked vehicles may be towed.

5th July, 2024

SAN LAWRENZ LOCAL COUNCIL

Traffic and Parking Suspension

The San Lawrenz Local Council notifies that on Friday, 9th August, 2024, and Saturday, 10th August, 2024, from 4.00 p.m. till 2.00 a.m.; on Sunday, 11th August, 2024, from 4.00 p.m. till midnight, the main square will closed. No parking will be allowed in the square and Triq id-Duluri;

On Friday, 9th August, 2024, from 9.00 p.m. till midnight, Triq San Lawrenz, the main square, Triq id-Duluri and Triq Ta' Cangura will be closed for traffic during the band marches;

On Sunday, 11th August, 2024, from 7.00 p.m. till midnight, Triq San Lawrenz, the main square, Triq id-Duluri and Triq Ta' Cangura will be closed for traffic during the procession. During the same time the following streets will be affected: Triq id-Duluri to be a 2-way road thus no cars can be parked and part of Triq il-Ġebla tal-Ġeneral will also be a 2-way street;

On Sunday, 4th August, 2024, from 5.30 p.m. till 9.30 p.m., the main square will be closed. On Monday, 5th August, 2024, from 5.30 p.m. till midnight; on Tuesday, 6th August, 2024, from 4.00 p.m. till midnight; on Wednesday, 7th August, 2024, and on Thursday, 8th August, 2024, from 5.30 p.m. till midnight, the main square will be closed. Triq id-Duluri to be a 2-way road thus no cars can be parked and part of Triq il-Ġebla tal-Ġeneral will also be a 2-way street.

5th July, 2024

PLANNING AUTHORITY

Temporary Leasing of Office Space in Malta by the Planning Authority

The Planning Authority (PA) is hereby inviting interested parties to participate in this expression of interest

interess għal kiri temporanju ta' uffiċini f'Malta (Ref: EOI 01/2024).

Id-dokument ta' espressjoni ta' interess jista' jitniżżel mill-website tal-Awtorità fuq din il-link: (http://www.pa.org.mt/en/expression-of-interests).

L-offerti għandhom jiġu ddepożitati fil-kaxxa tal-offerti fil-bini tal-Awtorità fil-Furjana sal-Erbgħa, 31 ta' Lulju, 2024 qabel l-10.00 a.m.

Kull talba għal kjarifika dwar din l-espressjoni ta' interess għandha tiġi indirizzata lid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi fuq l-email (tenders@pa.org.mt) sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 19 ta' Lulju, 2024.

Sottomissjonijiet li jidħlu tard jew li ma jkunux kompluti ma jiġux ikkunsidrati.

Il-5 ta' Lulju, 2024

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 25 ta' Lulju, 2024, għal:

*Avviż Nru. 39. Kiri, għall-perjodu li fadal tal-kirja preżenti li jintemm fil-31 ta' Mejju, 2028, tal-ħanut vojt tale quale f'Garaxx Nru. 14, li jinsab taħt Blokk Appartamenti Indipendenza, Triq Dun M. Mifsud, Santa Luċija, kif muri bl-aħmar u mmarkat No. 14 fuq il-pjanta L.D.11/82/34 p.o. Il-kerrej prezenti ma jridx jibqa' fil-kirja u terz interessat lest li jidħol għar-rimanenti perjodu ta' din il-kirja. Dan it-terz interessat għandu d-dritt tal-ewwel rifjut riżervat favurih skont Artikolu Nru. 3 (1) tal-Avviż Legali Nru 573.02. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €2,547 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tmien mija u disgħa u erbgħin ewro u erba' ċenteżmi (€849.04) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

*Avviż Nru. 40. Kiri, għall-perjodu ta' ħmistax (15)-il sena, tal-Ħanut tale quale f'Nru. 2, fiċ-Ċentru Ċiviku, Triq San Kataldu, Ir-Rabat, Malta, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta L.D.13/87/3. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €16,140 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' ħamest elef u tliet mija u tmenin ewro (€5,380) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

for the temporary leasing of office space in Malta (Ref: EOI 01/2024).

The expression of interest document can be downloaded from the PA website on the following link: (http://www.pa.org.mt/en/expression-of-interests).

Offers are to be deposited in the tender box at the PA premises in Floriana by Wednesday, 31st July, 2024 before 10.00 a.m.

Any requests for clarifications concerning this expression of interest should be addressed to the Director of Corporate Services on email (tenders@pa.org.mt) by not later than Friday, 19th July, 2024.

Late or incomplete submissions will not be considered.

5th July, 2024

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 25th July, 2024, for:

*Advt No. 39. Lease, for the remaining period of the present lease which ends on the 31st May, 2028, of the bare Shop tale quale at Garage No. 14 situated under Block Appartamenti Indipendenza, Triq Dun M. Mifsud, Santa Luċija. as shown edged in red and marked No. 14 on plan L.D.11/82/34 p.o.. The present tenant does not want to remain in the lease and an interested third party is ready to assume the remaining term of this lease. The interested third party has been reserved the right of first refusal as per Article No. 3 (1) of Legal Notice 573.02. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €2,547 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of eight hundred and forty-nine euro and four cents (€849.04) per annum will not be considered. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

*Advt No. 40. Lease, for a period of fifteen (15) of the Shop tale quale at No. 2 Centru Civiku, Triq San Kataldu, Rabat, Malta, as shown edged in red on plan L.D.13/87/3. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €16,140 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of five thousand and three hundred and eighty euro (€5,380) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

*Avviż Nru. 41. Kiri, tale quale minn sena għal sena, għal skop ta' agrikultura, ta' sit fi Triq il-Wied ta' Ħas-Saptan, Birżebbuġa muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2020_0163. Dan is-sit jista' jkun suġġett għal servitujiet eżistenti favur propjeta' adjaċenti. L-offerenti għandhom ikunu persuni li huma rreġistrati bħala bdiewa full time jew part-time, skont ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li għandu jiġi sottomess mad-dokument tal-offerta jew studenti li temmew b'suċċess kors akkademiku fi studji agrikoli fil-ħames snin preċedenti mid-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali Nru 573.06 li għandhom jissottomettu kopja taċ-ċertifikat rilevanti mal-offerta tagħhom. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sitta u erbgħin ewro u tlettax-il ċenteżmu (€46.13) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

*Advt No. 41. Lease tale quale, on a year to year basis, for agricultural purposes, of a site at Triq il-Wied ta' Ħas-Saptan, Birżebbuġa shown edged in red on plan P.D.2020_0163. This site maybe subject to existing servitudes in favour of the adjacent properties. The bidders must be either full-time or part-time farmers, who have to submit a certificate, issued by the Department of Agriculture with the tender document or students who have completed successfully an academic course relating to agriculture within the previous five years prior to the introduction of the Legal Notice No. 573.06 who have to submit a copy of the relevant certificate also with the tender documents. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of forty-six euro and thirteen cents (€46.13) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

*Avviż Nru. 42 Għotja b'ċens perpetwu revedibbli sit tale quale fi Triq il-Qarsajja Ħ'Attard, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2021_0243. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax (15)-il sena wara reviżjoni skont ir-rata tal-inflazzjoni kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €50,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' għoxrin elf ewro (€20,000) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

*Advt No. 42. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of the site tale quale at Triq il-Qarsajja, Ħ'Attard, as shown edged in red on the plan P.D.2021_0243. The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision according to the rate of inflation as explained in detail in the emphyteutical conditions. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €50,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of twenty thousand euro (€20,000) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

*Avviż Nru. 43 Kiri tale quale għal perjodu ta' ħmistax (15)-il sena għal skopijiet kummerċjali ta' ħanut Nru.1,Triq iċ-Ċawsli fiċ-Ċentru Ċiviku, Ħaż-Żabbar, kif muri bl-aħmar u mmarkat bħala 'Shop 1' fuq il-pjanta P.D.53_2004_1_Ap.o. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €14,100 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbat elef u seba' mitt ewro (€4,700) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

*Advt No. 43. Lease tale quale for a period of fifteen (15) years for commercial purposes of a shop at No. 1, Triq iċ-Ċawsli, Civic Centre, Ħaż-Żabbar, as shown edged in red and marked as 'Shop 1' on the plan P.D.53_2004_1_Ap.o. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for the amount of €14,100 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of four thousand and seven hundred euro (€4,700) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

*Avviżi li qegħdin jidhru għall-ewwel darba

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn l-offerti fis-sit (https://landsauthority.

*Advertisements appearing for the first time

These advertisements are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/

org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet bil-card bankarja tal-preferenza tiegħek.

Il-5 ta' Lulju, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tnejn, 8 ta' Lulju, 2024.

ERU0107U24A – Devices
ERU0107U24B – Devices
ERU0107U24 – Devices
ERU0107U24 – Medicinal
ERU0207U24A – Devices
ERU0207U24B – Devices
ERU0207U24C – Devices
ERU0207U24D – Medicinal
ERU0207U24E – Devices
ERU0207U24F – Medicinal
ERU0207U24 – Devices
ERU0207U24 – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Il-5 ta' Lulju, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, 9 ta' Lulju, 2024.

ERU0307U24 – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Il-5 ta' Lulju, 2024

services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website by using your preferred banking card.

5th July, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. of Monday, 8th July, 2024.

ERU0107U24A – Devices
ERU0107U24B – Devices
ERU0107U24 – Devices
ERU0107U24 – Medicinal
ERU0207U24A – Devices
ERU0207U24B – Devices
ERU0207U24C – Devices
ERU0207U24D – Medicinal
ERU0207U24E – Devices
ERU0207U24F – Medicinal
ERU0207U24 – Devices
ERU0207U24 – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

5th July, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Tuesday, 9th July, 2024.

ERU0307U24 – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

5th July, 2024

CENTRAL PROCUREMENT U SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, is-26 ta' Lulju, 2024. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 021-3712/24. Provvista ta' Abatacept injections

CFT 020-3713/24. Provvista ta' Cannula 20G

CFT 020-3714/24. Provvista ta' Rotational Atherectomy System consisting of Console fuq loan u all Consumables għal sistema fully functional

CFT 009-3715/24. Provvista ta' Mobile Colposcope Mounted fuq Articulated Arm b'impatt ambjentali ridott għad-Dipartiment tal-Obstetrics u Gynaecology fl-Isptar Mater Dei

CFT 020-3716/24. Provvista ta' Bowel Management kit u Collection Bags

CFT 020-3717/24. Provvista ta' Microscope Glass Slides għal Thermal Printing

CFT 020-3718/24. Provvista ta' TB Igra Elisa Kits u Tube Collection System

CFT 020-3719/24. Provvista ta' Fish Probes for Lymphoma

CFT 020-3720/24. Provvista ta' Ostomy Items Two Piece System Sz 38mm

CFT 020-3721/24. Provvista ta' Sterile Transparent Central Venous Cannula Dressings - Adult

CFT 020-3722/24. Provvista ta' Cellulose Wadding Rolls

CFT 020-3723/24. Provvista ta' Felt Padding for medical use

CFT 021-3724/24. Provvista ta' Mesalazine 400mg MR/EC Tablets (Active Ingredient Released at a PH Equal to or Above 7)

CFT 021-3725/24. Provvista ta' Sulindac tablets

CFT 021-3726/24. Provvista ta' Sodium Benzoate oral solution

CFT 021-3727/24. Provvista ta' Thiopental Sodium Injections

CFT 009-3728/24. Żarmar ta' żewġ lifts eżistenti, provvista, konsenja, installazzjoni, ittestjar u kkummissjonar ta' żewġ lifts ġodda f'MCH, inkluż manutenzjoni ta' 24 xahar

CFT 019-3729/24. Provvista ta' safety shoes għal emergency nurses and emergency ambulance responders fl-Isptar Mater Dei

CFT 021-3730/24. Provvista ta' Alpha Tocopheryl Suspension 100mg/ml

CFT 009-3731/24 Provision of Nitrogen Gas u Liquid Nitrogen fid-Dipartiment tal-IVF fl-Isptar Mater Dei (Aer Clinic Sptar Mater Dei) għal perjodu ta' 3 snin

CFT 021-3732/24. Provvista ta' Topotecan 1mg/ml vials

CFT 021-3733/24. Provvista ta' Sodium Citrate Oral Solution

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministry for Health and Active Ageing, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Friday, 26th July, 2024. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 021-3712/24. Supply of Abatacept injections

CFT 020-3713/24. Supply of Cannula 20G

CFT 020-3714/24. Supply of Rotational Atherectomy System consisting of Console on loan and all Consumables for a fully functional system

CFT 009-3715/24. Supply of Mobile Colposcope Mounted on an Articulated Arm with reduced environmental impact for the Obstetrics and Gynaecology Department at Mater Dei Hospital

CFT 020-3716/24. Supply of Bowel Management kit & Collection Bags

CFT 020-3717/24. Supply of Microscope Glass Slides for Thermal Printing

CFT 020-3718/24. Supply of TB Igra Elisa Kits and Tube Collection System

CFT 020-3719/24. Supply of Fish Probes for Lymphoma

CFT 020-3720/24. Supply of Ostomy Items Two Piece System Sz 38mm

CFT 020-3721/24. Supply of Sterile Transparent Central Venous Cannula Dressings - Adult

CFT 020-3722/24. Supply of Cellulose Wadding Rolls

CFT 020-3723/24. Supply of Felt Padding for medical use

CFT 021-3724/24. Supply of Mesalazine 400mg MR/EC Tablets (Active Ingredient Released at a PH Equal to or Above 7)

CFT 021-3725/24. Supply of Sulindac tablets

CFT 021-3726/24. Supply of Sodium Benzoate oral solution

CFT 021-3727/24. Supply of Thiopental Sodium Injections

CFT 009-3728/24. Dismantling of Two Existing Lifts, Supply, Delivery, Installation, Testing and Commissioning of Two New Lifts at MCH, including Maintenance for 24 Months

CFT 019-3729/24. Supply of safety shoes for emergency nurses and emergency ambulance responders at MDH

CFT 021-3730/24. Supply of Alpha Tocopheryl Suspension 100mg/ml

CFT 009-3731/24 Provision of Nitrogen Gas and Liquid Nitrogen at the IVF Department at Mater Dei Hospital (Aer Clinic Mater Dei Hospital) for a Period of 3 Years

CFT 021-3732/24. Supply of Topotecan 1mg/ml vials

CFT 021-3733/24. Supply of Sodium Citrate Oral Solution

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQs tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

Il-5 ta' Lulju, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi:

CFT 009-3697/24. Provvista, installazzjoni, ittestjar u kkummissjonar ta' stairlift għaċ-Ċentru tas-Saħħa tar-Rabat, Għawdex,

ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-28 ta' Ġunju, 2024, ġie mħassar.

Il-5 ta' Lulju, 2024

KUNSILL LOKALI L-KALKARA

Il-Kunsill Lokali l-Kalkara jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali Kalkara sad-9.30 a.m. ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' Lulju, 2024, għal:

Tindif, żamma u manutenzjoni ta' ġonna pubbliċu u soft areas bl-użu ta' prodotti u prattiki li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent fil-Kalkara.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

